



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Strasburgu, 22 ta' Novembru 2023
(OR. en)**

**2023/0252 (COD)
LEX 2274**

**PE-CONS 54/1/23
REV 1**

**POLCOM 199
SPG 7
CODEC 1556**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
LI JEMENDA R-REGOLAMENT (UE) NRU 978/2012
LI JAPPLIKA SKEMA TA' PREFERENZI TARIFFARJI ĠENERALIZZATI**

REGOLAMENT (UE) 2023/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-22 ta' Novembru 2023

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 978/2012 li japplika skema
ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja¹,

¹ Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Ottubru 2023 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċizzjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2023.

Billi:

- (1) Mill-1971 'il hawn, l-Unjoni tat preferenzi ta' kummerċ lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw skont skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati tagħha (l-iskema).
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jipprevedi l-applikazzjoni tal-iskema sal-31 ta' Diċembru 2023, bl-eċċezzjoni tal-arranġament speċjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati, li jkompli jiġi applikat mingħajr data ta' skadenza.
- (3) Fit-22 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' skema ġeneralizzata ta' preferenzi tariffarji u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² (ir-regolament suċċessiv propost). Ir-regolament suċċessiv propost għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024. Madankollu, il-proċedura leġiżlattiva ordinarja rilevanti għadha għaddejja u hemm riskju li ma tiġix konklużi sal-31 ta' Diċembru 2023. Sabiex tiġi żgurata kontinwità tal-applikazzjoni tal-iskema, huwa meħtieġ li jiġi estiż il-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2023 sal-mument li jiġi adottat u jibda japplika r-regolament suċċessiv propost.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 (ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1).

² COM(2021)0579.

- (4) L-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 jenħtieġ li ttipprovdi ż-żmien meħtieġ għall-ikkompletar tal-proċedura leġislattiva għall-adozzjoni tar-regolament suċċessiv propost. Għaldaqstant, il-perjodu tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 jenħtieġ li jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2027. Fil-każ li r-regolament suċċessiv propost jidħol fis-seħħ u jibda japplika qabel dik id-data, jenħtieġ li l-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 titqassar kif xieraq, filwaqt li jiġi pprovdut perjodu ta' tranżizzjoni adegwat. Għal raġunijiet ta' ċertezza legali u sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni kontinwa tar-Regolament (UE) Nru 978/2012, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u japplika mill-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu, jew, jekk il-pubblikazzjoni issir wara l-31 ta' Diċembru 2023, b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 2024,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 43(3) tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 is-sena “2023” hija sostitwita bis-sena “2027”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika mill-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew mill-1 ta’ Jannar 2024, skont liema data tiġi l-ewwel.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President